## GĦAJNEJN....

*Waqt li konna taħt il-bruka fuq ir-ramel ħdejn ix-xmara*
*nistkennew tax-xemx il-ħrara,*
*u nitħennu mal-mewġiet,*
*għażżenin*
*qagħdna nħarsu lejn xulxin,*
*gozz għajnejn*
*kollha mlewna, kollha mżewqa, qishom damma ta' ġawhriet;*

*Johnnie tiegħi b'għajnejh żoroq*
*qishom fraka mis-smewwiet;*
*qattus iswed b'għajnejh ħodor*
*lewn il-perla tal-qaliet;*
*fenek abjad b'għajnejh roża*
*tal-kristall minn l-iżjed fin;*
*u ġeranju abjad u aħmar*
*b'sitt għajnejn suwed tutin;*
*margerita b'għajnejn sofor*
*qalb il-bjuda ta' ġol-ħofor.*

*Għażżenin*
*qagħdna nħarsu lejn xulxin,*
*f'dak is-sliem*
*jien u Johnnie ngħidu l-ħrejjef*
*tas-saħħara meta s-siġar u l-ħaxix kellhom il-kliem;*
*ngħidu l-ħrejjef u nitgħażżnu,*
*u nitħennu mal-mewġiet,*
*fl-aħħarnett it-tnejn spiċċajna,*
*f'dik il-ħlewwa u f'dak is-skiet,*
*ma nafux liem' hija l-ħolma*
*jew is-sewwa*
*bejn il-ħrejjef tas-saħħara*
*w'aħna s-sitta taħt il-bruka fuq ir-ramel ħdejn ix-xmara.*

25-5-46. A. Buttigieg.